MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-7 ta' Ottubru, 2005

Citazzjoni Numru. 71/2005

Eucharistico u Mary Anne konjugi Mercieca .

Vs

Joseph u Josephine Sultana .

Il-Qorti ;

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi wara li ppremettew :

Illi huma għandhom jieħdu mingħand il-konvenuti s-somma ta' sitt elef lira Maltin (Lm6,000) rappreżentanti somma mislufa mill-atturi lill-konvenuti u dana skond kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Joanne Cauchi datat tlettax (13) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) (Dok A) ;

Illi skond l-istess kuntratt l-konvenuti taw a favur ta' l-atturi Ipoteka Generali fuq il-beni kollha tagħhom kif ukoll Ipoteka Specjali għall-ammont ta' sitt elef lira Maltin

(Lm6,000) fuq biċċa raba magħrufa bħala "Tal-Warda" limiti tax-Xewkija, Għawdex tal-kejl ta' ċirka elf erba' mija u sebgħa u disgħin metri kwadri (1497 m.k.) u dan kif jirriżulta min-nota ta' l-Ipoteka reġistrata fir-Reġistru Pubbliku ta' Għawdex bin-numru 1811/2004 (Dok B) ;

Illi skond l-istess kuntratt ta' self is-somma ta' sitt elef lira maltin (LM6,000) kellha titħallas lura mingħajr imgħax sa mhux aktar tard minn xahar u ġimgħa mid-data ta' l-istess att u ċioe' sa l-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) ;

Illi l-imgħax legali dovut fuq l-imsemmija somma mill-għoxrin (20) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa (2004) sa l-għoxrin (20) ta' Lulju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) ta' din il-kawża jammonta għal tlett mija u għoxrin lira Maltin (Lm320) ;

Illi l-atturi għadhom sa issa ma tħallsux l-ammont hawn fuq indikat u dan minkejja li l-konvenuti ġew interpellati diversi drabi sabiex iħallsu dan l-ammont anke permezz ta' ittra uffiċjali spedita fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) (Dok C) ;

Illi dan id-debitu huwa wieħed ċert, likwidu u dovut u safejn jafu l-atturi l-konvenuti m'għandhom l-ebda eċċezzjoni x'jagħtu għat-talba kontenuta f'din iċ-ċitazzjoni ;

Illi għaldaqstant l-atturi qed jipproċedu għal din il-kawża ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u Proċedura Civili u qed jitolbu ai termini ta' l-Artikolu 167 illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tgħaddi għad-deċizjoni ta' din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ .

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa mis-smiegħ ai termini ta' l-Artikolu 167 et seq tal-Kodiċi ta' l-Organizazzjoni u Proċedura Civili ;

2. Tiddikjara lill-konvenuti debituri solidalment u indiviżament bejniethom fil-konfront ta' l-atturi fl-ammont ta' sitt elef u tlett mija u għoxrin lira Maltin (Lm6,320) dovuti kif hawn fuq spjegat ;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi din is-somma, oltre l-interess legali fuq l-istess somma sad-data ta' l-effettiv pagament .

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali spedita fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Gunju, tas-sena elfejn u ħamsa (2005) u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni li għaliha minn issa intom inġunti .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Eucharist Mercieca .

Rat ukoll id-dokumenti esebiti ma' l-istess ċitazzjoni, u ċioe' bħala dokument A kopja tal-kuntratt ta' self magħmul fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Cauchi tat-tlettax (13) ta' ottubru tas-sena elfejn u erbgħa (2004), bħala dokument B kopja tan-nota ta' l-Ipoteka numru 1811/2004; u bħala dokument C kopja ta' l-ittra uffiċjali spedita lill-konvenuti fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) .

Rat ukoll ir-riferta pożittiva tal-konvenuti li ġew notifikati sew biċ-ċitazzjoni kif ukoll bl-appuntament għas-smiegħ ta' din il-kawża għal-lum . L-istess konvenuti naqsu li jidhru għall-udjenza tal-lum .

Wara li semgħet lil Eucharist Mercieca jikkonferma illi l-ammont kollu mitlub fiċ-ċitazzjoni għadu dovut . Wara li eżaminat ukoll id-dokumenti esebiti, peress illi jidhrilha illi t-talbiet attriċi huma ġustifikati, tiddeċidi l-kawża billi tiddikjara lill-konvenuti Joseph u Josephine Sultana, debituri solidament u ndiviżament bejniethom fil-konfront ta' l-atturi, fl-ammont ta' sitt elef tlett mija u għoxrin lira maltija (Lm6,320), dovuti kif spjegat fiċ-ċitazzjoni, u tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu lill-atturi din is-somma, oltre l-interess legali fuq l-istess somma, l-imgħax

ulterjuri mill-21 ta' lulju, 2005, sad-data tal-pagament effettiv, kollox kontra l-konvenuti bejniethom .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------